



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 152/23

Il-Lussemburgu, 28 ta' Settembru 2023

Informazzjoni

Bidla fil-mod ta' pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropew*: kif tista' tiġi kkonsultata l-informazzjoni dwar il-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew quddiem il-Qorti Ġenerali, jew l-informazzjoni dwar il-kawżi maqtugħa minn dawn il-qrati wara l-1 ta' Ottubru 2023?

Fl-1 ta' Ottubru 2023, Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ser jaqleb għal pubblikazzjoni att b'att. F'dan il-mod ġdid ta' pubblikazzjoni, il-Ġurnal Uffiċjali ma huwiex ser jibqgħu kompilazzjoni ta' atti b'werrej, iżda kull att ser jiġi ppubblikat individwalment bħala Ġurnal Uffiċjali awtentiku fil-format PDF.

Madankollu, sabiex tiġi ffaċilitata l-konsultazzjoni tagħhom, l-avviżi previsti fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali ser jibqgħu jsegwu r-ritmu attwali tagħhom, li huwa bbażat fuq pubblikazzjoni fi gruppi li, bħala prinċipju, issejtni kull nhar ta' Tnejn.

L-avviżi dwar il-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew quddiem il-Qorti Ġenerali – jew maqtugħa minn dawn il-qrati – ser ikunu jistgħu jiġu kkonsultati fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħhom fis-sit EUR-Lex, permezz ta' link direttament disponibbli fuq il-paġna ewlenija. Huma ser ikunu disponibbli wkoll permezz tal-magna tat-tiftix li tippermetti l-aċċess għall-atti diġà ppubblikati, skont data u sensiela partikolari. Il-funzjonalitajiet tal-EUR-Lex għandhom jippermettu wkoll parametraġġ tar-riżultati sabiex jintwerew biss l-atti li jikkorrispondu għall-kawżi ġudizzjarji.

Video m'hejji mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jagħti ħarsa lejn dawn l-aspetti godda: Discover the new Official Journal of the European Union, act by act! - YouTube.

Għal raġunijiet tekniċi, ma hija prevista ebda pubblikazzjoni fit-2 ta' Ottubru 2023. Il-pubblikazzjoni tal-ewwel avviżi dwar il-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew quddiem il-Qorti Ġenerali kif ukoll dik tal-ewwel avviżi dwar id-deċiżjonijiet li jagħlqu l-istanza hija prevista għat-Tnejn, 9 ta' Ottubru 2023.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.
Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!

